DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2020/215

tas-17 ta' Frar 2020

li temenda d-Deċiżjoni 2011/101/PESK dwar miżuri restrittivi kontra ż-Żimbabwe

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fil-15 ta' Frar 2011, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2011/101/PESK ([1]).

(2) Il-Kunsill wettaq rieżami tad-Deċiżjoni 2011/101/PESK, fejn qies is-sitwazzjoni politika fiż-Żimbabwe.

(3) Jenħtieġ li l-miżuri restrittivi jiġu estiżi sal-20 ta' Frar 2021. Jenħtieġ li l-Kunsill iżomm dawk il-miżuri restrittivi taħt rieżami kostanti fid-dawl tal-iżviluppi politiċi u ta' dawk fil-qasam tas-sigurtà fiż-Żimbabwe.

(4) B'kont meħud tas-sitwazzjoni fiż-Żimbabwe, huwa xieraq li jiġi emendat it-titolu tad-Deċiżjoni 2011/101/PESK.

(5) Jenħtieġ li l-entrata għal persuna waħda li mietet titħassar mil-lista ta' persuni u entitajiet indikati fl-Anness I tad-Deċiżjoni 2011/101/PESK. Jenħtieġ li l-miżuri restrittivi jiġġeddu għal erba' persuni u entità waħda fl-Anness I tad-Deċiżjoni 2011/101/PESK. Jenħtieġ li l-miżuri restrittivi jiġu sospiżi għal persuna waħda. Jenħtieġ li s-sospensjoni tal-miżuri restrittivi tiġġedded għal tliet persuni elenkati fl-Anness II tad-Deċiżjoni 2011/101/PESK.

(6) Jenħtieġ li d-Deċiżjoni 2011/101/PESK tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni 2011/101/PESK hija emendata kif ġej:

(1) It-titolu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/101/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fiż-Żimbabwe".

(2) L-Artikolu 10 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 10

1. Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

2. Din id-Deċiżjoni għandha tapplika sal-20 ta' Frar 2021.

3. Il-miżuri msemmija fl-Artikolu 4(1) u l-Artikolu 5(1) u (2), sa fejn japplikaw għall-persuni elenkati fl-Anness II, għandhom jiġu sospiżi sal-20 ta' Frar 2021.

4. Din id-Deċiżjoni għandha tinżamm taħt rieżami kostanti u għandha tiġġedded, jew tiġi emendata kif adatt, jekk il-Kunsill iqis li l-objettivi tagħha ma ntlaħqux.".

(3) L-Anness I huwa emendat kif stabbilit fl-Anness I ta' din id-Deċiżjoni.

(4) L-Anness II huwa emendat kif stabbilit fl-Anness II ta' din id-Deċiżjoni.

([1]) Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/101/PESK tal-15 ta' Frar 2011 dwar miżuri restrittivi kontra ż-Żimbabwe (ĠU L 42, 16.2.2011, p. 6).

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Frar 2020.

Għall-Kunsill
Il-President
J. BORRELL FONTELLES

ANNESS I

Fl-Anness I tad-Deċiżjoni 2011/101/PESK, titħassar l-entrata li tikkonċerna lill-persuna li ġejja:

"1. Mugabe, Robert Gabriel;"

ANNESS II

Fl-Anness II tad-Deċiżjoni 2011/101/PESK, tiżdied entrata li tikkonċerna lill-persuna li ġejja:

"6. Mugabe, Grace".